MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 36/2007

**Alessandra *sive* Sandra Theuma**

**vs**

**Alfred Mangion, Juan Borg Manduca, Alfred Cassar Reynaud, Anthony P. Coleiro, Jaime H. Cremona, Margaret De Maria, Michael Grech, Anthony Gatt, Julian Mamo, Andrew Manduca, Malcolm Miller, John Portelli, Pippo Psaila, Austin Sammut, Louise Ellul Cachia Caruana fil-kwalita` taghhom ta’ membri tal-Board of Governors ta’ St. Edwards College u ghan-nom u in rapprezentanza ta’ St. Edwards College u Anthony Saliba bhala Headmaster ta’ St. Edwards College u ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-istess Kullegg.**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta’ Ottubru, 2007 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Dan il-kaz gie prezentat fir-Registru tal-Qorti Superjuri fit-28 ta' April 2006, mill-Avv. George Abela f’ isem Alessandra sive Sandra Theuma kontra Alfred Mangion, Juan Borg Manduca, Alfred Cassar Reynaud, Anthony P. Coleiro, Jaime H. Cremona, Margaret De Maria, Michael Grech, Anthony Gatt, Julian Mamo, Andrew Manduca, Malcom Miller, John Portelli, Pippo Psaila, Austin Sammut, Louise Ellul Cachia Caruana fil-kwalita taghhom ta' membri tal-Board of Governors ta' St. Edwards's College u ghan-nom u in rapprezentanza ta' St. Edwards's College u Anthony Saliba bhala Headmaster ta' St. Edwards's College ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-istess Kullegg, dwar terminazzjoni ta' mpjieg allegatament ingusta ai termini ta' l-Att ta' l-2002 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Att nru. XXII ta' l-2002).

Ms Alessandra sive Sandra Theuma li minn issa tidher bhala l-Appellant, matul is-smigh tal-Kaz quddiem it-Tribunal Industrijali kienet assistita mill-Avv. George Abela. Ghall-Kullegg St. Edwards's deher is-Sur Anthony Saliba assistit mill-Avv. Peter Fenech.

Fl-istqarrija tal-Kaz l-appellanta tghid, li hija giet impjegata fis-16 ta' Awissu 1995, fuq bazi full-time bhala ghalliema ghal zmien indefinit b'effett mill-11 ta' Settembru 1995. Fl-istqarrija tal-kaz hija tkompli tghid, li permezz ta' ittra datata 9 ta' Jannar 2006, giet moghtija avviz tas-sensja fejn l-impjieg taghha kellu jigi terminat fit-30 ta' April 2006, wara li jiskadi n-“notice period”.

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellanta tghid ukoll, li hi kkontestat it-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha peress li ma giex segwit il-principji; ta' "last in first out". Hija tghid ukoll, li wara laqghat li saru mal-Kullegg hija giet offruta li tibqa' fl-impjieg full-time sat-12 ta' Lulju 2006, tghallem il-matematika u bil-

kundizzjonijiet li f'din id-data tigi dikjarata "redundant", liema offerta ma gietx accetta.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha l-Appellanta tghid ukoll, li r-raguni li giet moghtija lilha mill-Kullegg ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha kienet, minhabba "current reduction of the number of lessons on your (her) time table". Hija tghid ukoll, li din ir-raguni ma tikkostitwix raguni gusta u sufficcjenti fil-ligi ghat-terminazzjoni mill-impjieg u dan billi hija tissodisfa l-minimu ta' sieghat u cioe' "contact hours" li hi tenuta tahdem fil-Kullegg, hija tghid ukoll li r-raguni ta' "redundancy" mhijiex genwina u ma saritx skond il-ligi billi mhux biss ma giex rispettat il-principju ta' "last in first out" fit-terminazzjoni ta' l-impjieg, izda gew impjegati sahansitra ghalliema ohrajn full-time mal-Kullegg f'suggetti li fihom hi kwalifikata li tghallem u li l-"letter of appointment" tindika u bl-ebda mod ma tillimita liema suggetti ghandha tghallem fil-Kullegg.

L-Appellanta taghlaq il-kaz taghha fejn talbet lit-Tribunal Industrijali, li jiddikjara li s-sensja ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

Ghal St Edwards's College fl-istqarrija tal-kaz qalet, li l-appellanta giet impjegata fuq bazi "full-time" fil-Business Department sabiex tghallem is-suggetti Accounts, Marketing u Economics kemm bhala A level kif ukoll bhala Intermediate level ghal-liema suggetti l-appellanta ghandha degree mill-Universita ta' Malta senjatament B.Ed (Hons), LTCL, Dip Business Law & Accounts u li l-impjieg taghha kien b'effett mill-11 ta' Settembru 1995.

Fl-istqarrija tal-kaz il-Kullegg ikompli jghid, li permezz ta' ittra datata 23 ta' Frar 2005, il-Kap ta' l-Iskola informa lill-appellanta li l-"Board of Governors" kien ha d-decizjoni li s-Sixth Form ta' l-Iskola tinghalaq f'fazijiet u li sa Gunju 2006, is-Sixth Form ikun kompletament maghluq. Ghandu

jinghad, li l-appellanta ma gietx mill-ewwel affettwata b'din id-decizjoni.

Is-Socjeta tkompli tghid, li kien fid-9 ta' Jannar 2006, wara li l-Iskola hadet il-pariri legali li l-appellanta giet infurmata li minhabba l-"current reduction of the number of lessons on your time table" rizultat tad-decizjonijiet li tinghalaq is-Sixth Form, kienet qed tinghata n-"notice of redundancy" u li l-impjieg taghha kien ser jigi terminat fit-30 ta' April 2006.

Fl-istqarrija tal-kaz is-socjeta tkompli tghid, li l-appellanta f' ittra datata 9 ta' Jannar 2006, ikkontestat din ir-redundancy fuq il-bazi li l-principju ta' "last in first out" ma giex rispettat. Fuq dan il-punt ghandu jigi kkjarifikat illi fil-Business Department, l-appellanta kienet l-ahhar wahda li giet impjegata stante l-fatt li z-zewg ghalliema l-ohra ma gewx impjegati qabilha.

Is-Socjeta` tghid ukoll, li fl-10 ta' Jannar 2006, il-Headmaster baghat ittra lill-appellanta fejn offrilha impjieg biex tkompli tghallem l-Accounts fuq bazi "part time" b'effett mit-30 ta' April 2006 u ghal-liema offerta l-appellanta kellha taghti lill-Iskola risposta sal-31 ta' Jannar 2006. Il-Kullegg ikompli jghid, li waqt laqgha amikevoli datata 5 ta' April 2006, flimkien ma’ ufficjali ta' l-MUT bhala medjatur, l-appellanta sostniet illi tkeccija hija ingusta a bazi tal-fatt illi l-iskola f’ Jannar 2006, impjegat ghalliema kwalifikata fid-Departiment tal-Matematika u sostniet illi l-iskola kellha toffri l-impjieg l-ewwel stante l-fatt li hija kwalifikata tghallem is-suggett tal-Matematika. Fuq dan il-punt ghandu jinghad, li l-appellanta mhix kwalifikata fis-suggett tal-matematika izda ghandha A level fis-suggett. Id-degree taghha, kif diga jinghad huwa fl-Accounts u mhux fil-Matematika.

Is-Socjeta tkompli tghid, li fis-19 ta' April 2006, il-Kap ta' l-Iskola rega' kiteb lill-appellanta fejn nfurmaha li waqt lir-"redundancy notice" ser jiskadi fit-30 ta' April 2006, huwa rriferixxa l-kaz taghha lill-Board of Governors fejn kellha tigi diskussa fil-laqgha li kellha ssir f'nofs Mejju 2006. Sa dan iz-zmien, l-appellanta baqghet ma tghat ebda risposta fir-rigward ta' l-offerta ta' impjieg "part-time", liema offerta l-appellanta rrifjutat fl-24 ta' April 2006, minhabba l-fatt li l-Iskola ma offritiliex l-impieg "full-time" bhala ghalliema tal-Matematika. F'din l-ittra l-intimata ssostni li fit-18 ta' April 2006, il-Headmaster verbalment offrilha l-impjieg sabiex tghallem il-Matematika u fuq dan ghandu jinghad li dan mhux minnu stante l-fatt li l-Headmaster u dan dejjem bil-miktub offrilha li tghallem "part-time" fl-Accounts.

Is-Socjeta tghid ukoll, li l-ghan u l-policy ta' l-Iskola huma li ma timpjegax ghalliema f' suggetti minghajr ma dawn ikollhom bhala minimu degree mill-Universita fis-suggett in kwistjoni. M'huwiex bizzejjed li ghalliem ikollu A level fis-suggett u dan ghaliex il-livell ta' taghlim ma jkunx ta' livell gholi bizzejjed li jixraq lit-tfal ta' l-Iskola. Din il-policy mhijiex biss policy li ssegwi l-skola pero hija wkoll id-direzzjoni li nharget mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ghal kwazi dawn l-ahhar ghaxar snin.

Il-KuIlegg jaghlaq l-istqarrija tal-kaz fejn jghid, li d-decizjoni li ttiehdet kienet fil-qafas ta' dan fuq sottomess, izda fl-interess supreme ta' l-istudenti fejn fl-interess taghhom li jigu mghallma mill-persuni l-aktar kwalifikati fis-suggett. Ghalhekk, ir-rikjesta ta' l-appellanta li jitkeccew ghalliema kkwalifikati fid-Dipartiment tal-Matematika biex hi tghallem l-Matematika ma kienetx accettabli ghall-Iskola u ghalhekk il-fatt li hija kienet l-ahhar ghalliema li giet impjegata fil-Business Department ma kienx hemm alternattiva ohra ghall-Iskola hlief li jitterminaw l-impjeg taghha.

PROVI

Mill-provi jirrizulta, li l-appellanta giet impjegata bhala ghalliema fis-16 ta' Awissu 1995, mal-Kullegg St. Edwards u fl-ittra ta' l-ingagg jinghad li "At present it seems likely that you will be asked to teach L6 Accounts at both A level and Intermediate level, L6 Marketing at Intermediate Level and L6 Economics at Intermediate level. Mill-provi jrrizulta wkoll, li l-impjieg taghha gie tterminat permezz ta' ittra datata 9 ta' Jannar 2006, u n-"notice period" kellu jintemm fit-30 ta' April 2006 ghal raguni li naqas il-hin tal-lezzjonijiet li kienet tghati.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellanta kienet gradwata mill-Universita fil-B.Ed, u specjalizzat fis-suggett ta' l-Ekonomija. Mill-provi jirrizulta wkoll, li hi kellha Advanced level fil-Pure Maths u kellha wkoll units fil-matematika bhala parti mill-Kors Universitarju fis-suggett ta' l-Ekonomija.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li fiz-zmien meta kienu qed isiru s-sensji, kien hemm vacancies fis-suggett tal-matematika u li l-appellanta avvicinat lill-Head of Department tal-Matematika, fejn urietha li kienet interessata li tghallem dan is-suggett. Min naha tal-Head of Department kellha tirreferi l-kaz lid-Director of Studies.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellanta ma gietx imsejha ghall-interview, izda minkejja dan hi baqghet issegwi t-talba taghha biex tghallem is-suggett tal-matematika. Mix-xhieda jirrizulta, li wara li hi ma accettatx is-sensja u kienet qed turi li kienet se tikkontestaha kellha diskursata mal-Head Master fuq it-telephone, fejn l-appellanta tghid li matul din id-diskursata l-Head Master offrielha li tghallem il-matematika lill-Form 4 izda fl-istess waqt huwa pprova jiddiskuragiha, izda meta talbet biex din l-offerta tigi moghtija lilha bil-

miktub ma kellha l-ebda risposta. Min naha tal-Headmaster nnega li ghamel din l-offerta.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-kullegg kien bejn haltejn jekk jappuntax lill-appellanta biex tghallem is-suggett tal-matematika u dan peress li fl-opinjoni tal-Kullegg, li ghalliem ikollu A level fil-pure maths u units ta' matematika mill-Universita bhala parti minn kors ta' l-ekonomija ma kienux bizzejjed biex ghalliem jghallem dan is-suggett. Pero, mill-provi jirrizulta wkoll, li jezistu kazijiet fejn minkejja li ghalliem ma jkunx gradwat f’ suggett partikulari, pero kwalifiki ta' xorta msemmija jghamluh kompitenti li jista’ jghallem is-suggett in kwestjoni.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li sitwazzjoni ta' din ix-xorta setghet tigi rizolta, permezz li l-Kullegg japplika lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex jivverifika jekk ghalliem bil-kwalifikazzjonijiet li jkollu u fil-kaz ta' l-appellanta jkunx bizzejjed biex ikun kompitenti li jghallem is-suggett partikulari u f’ dan il-kaz is-suggett in kwestjoni.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-kullegg ma ghamel l-ebda applikazzjoni lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex jivverifika jekk l-appellanta kienitx kompitenti li tghallem is-suggett in kwestjoni.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li f’ anqas minn sena mit-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellanta, deher avviz fit-Times of Malta tal-15 ta' Marzu 2007 ta' St. Edwards's College, ghall-vacancies ghall-"Part-time teacher of Economics and Business Studies", liema suggett kienet tghallmu l-appellanta qabel ma gie tterminat l-impjieg taghha.

KONSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jikkunsidra l-ittra ta' l-ingagg ta' l-appellanta li kif jirrizulta mill-provi hi ma kienitx impjegata ma' Dipartiment, izda kienet impjegata mal-Kullegg. Anki l-istess ittra ta' ingagg, ghalkemm tghati indikazzjoni ta' x'tista' tghallem l-appellanta pero ma teskludix li fil-futur setghet tghallem suggetti ohra.

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, aspettt iehor ta' dan il-kaz, it-talba ta' l-appellanta li timla l-vakanza fis-suggett tal-matematika u li din saret f' hin propizju meta kien hemm il-vakanza u kien meta l-kullegg kien qed jesperjenza nuqqas ta' studenti, li kien qed iwassal biex jigu terminati ghalliema li finalment waslet ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellanta. F'dan ir-rigward, il-kullegg naqas meta ma sejjahx lill-appellanta ghall-interview u naqas ukoll li ma vverifikax mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni jekk l-appellanta kienitx kompitenti li tghallem is-suggett in kwestjoni.

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li meta saret it-talba ta' l-appellanta biex timla l-vakanza fis-suggett tal-matematika, il-kullegg kellu zmien u l-hin bizzejjed biex jaghmel il-verifikazzjonijiet necessarji mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex jistabillixxi l-kompitenza ta' l-appellanta f' dan ir-rigward.

Ghaldqstant, Tribunal Industrijali hu tal-fehma li kieku il-kullegg ta lill-appellanta l-opportunita li tattendi ghall-interview, kien ikun f'qaghda li jaghmel assessment ta' l-abilitajiet, il-kwalifiki u l-kompitenza taghha li tghallem dan is-suggett u f'kaz ta' dubju seta' facilment jirrikorri lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex jsiru verifiki independenti u jekk realistikament kienitx kompitenti li tghallem is-suggett tal-matematika ghal-livell rikjest mill-kullegg. Li kieku l-Kullegg segwa din il-procedura, kien ikun f'qaghda li

jiddeciedi jekk l-appellanta kienitx kompitenti li tghallem is-suggett in kwistjoni u sussegwentement dan kien ikollu piz fuq id-decizjoni tal-procedura tat-terminazzjoni ta' l-impjieg.

F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, l-evidenza pprezentata quddiem it-Tribunal Industrijali, fejn il-Kullegg hareg avviz ghall-"Part-time teacher of Economics and Business Studies" f' anqas minn sena minn meta gie tterminat l-impjieg ta' l-appellanta. F'dan ir-rigward, it-Tribunal Industrijali jinnota, li skond il-ligi sa zmien sena mit-terminazzjoni ta' l-impjieg il-kullegg kien obligat li qabel ma johrog din is-sejha fil-pubbliku kellu joffri din il-vakanza lill-appellanta ghar-raguni li dawn kienu suggetti li hi kienet kompitenti li tghallem.

DECIZJONI

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatement of Case tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u sema' u evalwa x-xhieda prodotti, ikkunsidra s-sottomissjonijiet finali u l-osservazzjonijiet addizjonali, isib, li l-kullegg kellu diversi nuqqassijiet fil-process tat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellanta. Ma' dan, it-Tribunal Industrijali jirrimarka wkoll, li l-kullegg kiser il-ligi meta fi zmien sena mit-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellanta, kellu vakanza fis-suggett li l-appellanta kienet kompitenti li tghallem u minflok li offra dan il-post lill-appellanta, ghamel sejha ghal din il-vakanza fil-pubbliku biex jimpjega lill-haddiehor.

Ghaldaqstant ghal dawn in-nuqqasijiet, it-Tribunal Industrijali jordna li fil-waqt li l-appellanta ma tigix moghtija l-impjieg lura, il-Kullegg ghandu jhallas kumpens lill-appellanta li jammonta ghas-somma ta' LM 2,500 (elfejn u hames mitt lira Maltija) - E 5823 (hamest elef, tmien mija u tlieta u ghoxrin

> Euro) liema kumpens il-Kullegg ghandu jhallas lill-Appellanta fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.
>
> Ghall-finijiet ta' drittijiet li jithallsu, it-Tribunal Industrijali qieghed jiffissa dawn fl-ammonti ta' LM 40 erbghin lira Maltija - E 93 (tlieta u disghin Euro) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.
>
> B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**"**

Il-Kullegg kif rapprezentat appella minn din is-sentenza bl-aggravji f' dawn it-termini:-

(1) Fl-ewwel lok iponi d-domanda jekk f' materja ta' *redundancy* kellux il-Kullegg joffri lill-appellata li tghallem f' suggett iehor, li fih ma kienetx gradwata, invece li jimpjega lil haddiehor gradwat f' dan is-suggett partikolari, ankorke dan haddiehor gie impjegat wara l-appellata. Ghal din il-mistoqsija l-Kullegg iwiegeb fin-negattiv biex b' hekk mir-risposta tieghu jikkwerela d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali;

(2) Fit-tieni lok, jghaddi, imbaghad, biex jikkritika dik l-istess decizjoni bil-motiv li t-Tribunal ghamel uzu minn fatti posterjuri ghat-temm ta' impjieg ta' l-appellata. Dan in referenza ghall-avviz ta' sejha ghal "Part Time Teacher of Economics and Business Studies" li kien mghallem mill-apellata qabel it-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha;

Fir-risposta taghha ghal dawn l-aggravji, l-appellata tibda biex tissolleva l-eccezzjoni ta' l-inappellabilita` tad-decizjoni ghar-raguni li l-appell sottomess lil din il-Qorti ma kien jikkontjeni ebda punt ta' ligi. Hi ghaddiet in segwitu biex tissottometti illi l-unika kompetenza li ghandhom il-Qrati f' materja ta' tkeccija ingusta hi dik biss ta' "*judicial review*". Dan tghidu bl-appogg ta' certa kazistika ghal liema tirrikorri. Ad ezempju "**Dottor Vincent Falzon *nomine* -vs- Isabella Grima**", Appell, 17 ta' Mejju, 1993.

Biex tiddisponi minn din l-ahhar sottomissjoni, u li l-Qorti tqisha errata, irid jinghad illi bis-sahha ta' l-izvilupp legislattiv bl-introduzzjoni ta' l-Att XXII ta' l-2002, fl-istat attwali tal-ligi dak l-istess *judicial review* ghal liema tirrikorri l-appellata ma ghadux aktar necessarju in vista tad-dixxiplina normattiva gdida li introduciet id-dritt ta' appell dirett lil din il-Qorti mis-sentenzi tat-Tribunal. Certament ghandu jkun rikonoxxut illi l-gurisdizzjoni limitata li kellha fiz-zmien ta' dik is-sentenza l-Qorti ordinarja biex tistharreg jekk it-Tribunal ikunx mar *ultra vires* jew kontra r-regoli ta' gustizzja naturali jew kontra xi ligi miktuba jista' llum, jigi investigat minn din il-Qorti ta' revizjoni fl-appell lilha fuq punt ta' ligi, kif fl-Artikolu 82 (3) ta' l-Att preskritt.  Storikament, dritt bhal dan ma kienx jezisti taht il-ligi anterjuri li maghha dik is-sentenza citata hi kollokata;

Iccarat dan il-punt, il-Qorti jidhrilha li ghandha, qabel kollox, fuq it-tema ventilata quddiemha taghmel din l-introduzzjoni qasira:-

(1) Hu dispost mill-Artikolu 36 (3) ta' l-Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali illi "kuntratt ta' servizz ghal zmien bla limitu jista' jintemm, bl-ghoti ta' l-avviz kif specifikat fis-subartikolu (5), mill-impjegat minghajr ma jaghti ebda raguni u mill-principal, bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (14), fuq bazi ta' *redundancy* biss";

(2) Ghalkemm minn certa ottika kemm l-impjegat kif ukoll min ihaddem ghandhom il-liberta` li jtemmu r-rapport tax-xoghol ghal zmien indeterminat, prevja pre-avviz, da parti tal-principal dan it-temm ta' l-impjieg ma jistax ikun wiehed *ad nutum* izda biss in relazzjoni ghal raguni ta' *redundancy.* Dan s' intendi dejjem bla pregudizzju ghal qaghda ta' "raguni tajba u bizzejjed" li jippreciza l-Artikolu 36 (14), fejn ukoll, a differenza ta' l-Artikolu 36 (3) riportat, ma hemmx lanqas il-htiega li jinghata preavviz;

(3) Terga' mid-differenza bejn is-subartikoli (3) u (14) ta' l-Artikolu 36 tohrog ukoll id-distinzjoni markata fejn f' ta' l-ewwel ghandek il-"motiv gustifikat" tar-*redundancy* mentri f' tat-tieni l-"kawza gusta" tal-licenzjament. Fil-kaz taht kunsiderazzjoni l-Kullegg appellanti jorbot kollox ma' dak tal-motiv gustifikat, lilu kkontestat mill-appellata bl-impunjattiva gudizzjali quddiem it-Tribunal. Dan fis-sens li dak l-istess motiv ma hu gustifikat xejn in kwantu ir-*redundancy* ma kienetx, fil-kaz taghha, tikkostitwixxi l-presuppost sostanzjali ta' dik il-legittimita` u tal-kawza gusta ghat-temm ta' l-impjieg;

(4) Quddiem sitwazzjoni bhal din il-kompitu tat-Tribunal adit kien dak li jivverifika, u jaccerta ruhu wkoll, jekk it-tmiem ta' impjieg ta' l-appellata, fuq il-bazi ssuggerita mill-Kullegg appellanti, kienx tabilhaqq dovut ghal *redundancy* genwina a tenur tas-subartikolu (3), jew kienx qieghed dak l-istess motiv propost jimmaskera kaz ta' licenzjalment veru u proprju fil-parametru tas-subartikolu (14) ta' l-imsemmi artikolu;

(5) Il-Qorti tifhem illi fl-ambitu ta' din il-kontestazzjoni t-Tribunal kien jenhtieglu jinvesti l-elementi ta' fatt ottenibbli mill-process, kompriz dak tal-valutazzjoni tal-kondotta persegwita mill-partijiet. Jekk xejn biex jiddetermina jekk dawk il-fatti u dik il-kondotta jintegrawx l-estremi tal-kaz wiehed jew l-iehor;

(6) Tibqa' l-konsiderazzjoni illi, imbaghad, il-gudizzju hekk maghmul minn dak it-Tribunal mhux soggett ghas-sindakabilita` minn din il-Qorti jekk jirrizultalha li l-appell devolut lilha mhux irpozat fuq "punt ta' ligi". Verifika din, li dwarha jkollu jinghad li mhix dejjem facli, anke ghaliex il-problematika ma tistax tisfuggi l-attenzjoni ta' dak dedott f' gudizzju mill-konsiderazzjoni tal-parametri normattivi tal-ligi;

Ipprecizat dan, mill-atti tal-kaz jirrizulta li l-Kullegg appellanti jadduci b' motiv ta' gustifikazzjoni ghar-*redundancy* ta' l-appellata r-raguni inerenti ghall-attivita` ri-organizzattiva ta' l-istess Kullegg dovuta l-aktar ghar-

riduzzjoni fin-numru ta' studenti u li wasslet lil Board of Governors jiehu d-decizjoni li tinghalaq is-Sixth Form. Ghazla bhal din, certament, tirrientra f' dik l-espressjoni tal-liberta` ta' l-inizzjattiva ekonomika adottata u dan, sa certu punt, ma setax jattira s-sindikabilita` tat-Tribunal dwarha. Maghdud dan, kien, pero`, jirrientra fil-funzjoni ta' l-istess Tribunal li dan jikkontrolla, permezz ta' l-apprezzament tal-provi, is-sussistenza reali ta' dik l-istess raguni adottata fil-konfront ta' l-appellata b' rizultat ta' dik l-ghazla. Li jfisser, ukoll, illi l-Kullegg appellanti kellu jiskarika minn fuqu l-oneru li jipprova kemm ir-raguni effettiva avvanzata minnu bhala bazi tat-temm ta' impjieg, kif ukoll li l-impjieg ta' l-appellata licenzjata fir-ri-organizzazzjoni pedagogika tal-Kullegg ma kienx ghadu possibbli, lanqas f' mansjoni diversa, purke` ekwivalenti, ghal dak li kellha. Hekk, allura, biex wiehed jittanta joffri b' ezemplari, il-Kullegg htieglu jiddemostra, bi provi posittivi, illi l-postijiet l-ohra ta' taghlim, anke jekk f' suggetti ohra, kienu okkupati minn insenjanti ohra, u wkoll, li ghal zmien kongruwu ma gewx assunti *teachers* ohra fl-istess kwalifika ta' l-appellata;

Fuq din il-materja ta' *redundancy* jidher li l-kazistika tal-Qrati Inglizi stabbilit dawn il-linji gwida, u cjoe:-

(a) *was the employee dismissed?*
*(b) if so, had the requirements of the business for employees to carry out work of a particular kind ceased or diminished (or were they expected to do so)?*
*(c) if so, was the dismissal caused wholly or mainly by that state of affairs?*

Tissokta tirritjeni s-sentenza "**Safeway Stores plc -vs- Burrell**" (1997), li minnha l-precitati kweziti ttiehdu, illi taht punt (b) l-elementi krucjali hu dak jekk verament kienx hemm tnaqqis fil-"*business requirements*" di fronte ghall-impjegat. Esplicitament, tesprimi, illi "*in deciding that, tribunals should not introduce a 'contract' test whereby they just considered the specific tasks the applicant was employed for*". Illi wkoll f' din l-istess linja ta' hsieb is-sentenza "**Shawkat -vs- Nottingham City Hospital NHS**

**Trust**”, (2001), u ghal certu sens, mhux lanqas ‘il boghod minnhom, id-decizjonijiet ta’ din il-Qorti, kif presjeduta, fil-kawzi fl-ismijiet “**Victoria Spiteri -vs- St. Catherine’s High School**” (18 ta’ Ottubru, 2006) u “**John Bartolo -vs- International Machinery Limited**”, (9 ta’ Mejju, 2007);

Issa, jkollu jinghad anke mir-ri-ezami tar-rizultanti istruttorji kondott minn din il-Qorti illi, ankorke l-aggravji jistghu, *dato ma non concesso*, jikkontjenu kwestjonijiet ta’ natura guridika, b’ danakollu mill-konstatazzjoni tal-qaghda konkreta jekk il-punt dedott fil-gudizzju quddiem it-Tribunal jikkostitwiex “motiv gustifikat” jew “raguni tajba u bizzejjed” ma jistax ma jitqieghedx, ghall-fatt ta’ l-attendibilita` u apprezzament tal-provi, fuq il-pjan tal-gudizzju ta’ fatt. Huwa proprju dik ix-xorta ta’ gudizzju li t-Tribunal ghamel fis-sentenza appellata ghas-sostenn ta’ dik il-percezzjoni tieghu illi l-licenzjament tal-appellata ma setax, fil-kumpless, jitqies wiehed *fair* u gustifikat. Ir-ragonament dedott mit-Tribunal ma jistax ma jigix konsiderat fl-aspett unitarju tal-provi, kompriz allura, ukoll, anke jekk permezz ta’ fatt successiv ghat-terminazzjoni, illi r-*redundancy* ma setghetx, komplessivament titqies genwina. Ragonament u gudizzju konsimili ma jistax, u ma ghandux, fil-fehma ponderata ta’ din il-Qorti, jattira lejh is-sindikabilita` u c-censura tal-Qorti ta’ revizjoni in kwantu la jiddefetta minn zbalji logici u lanqas minn vizzji guridici kif hawn fuq ezemplifikat, u sew sostenut, minn gurisprudenza estera u lokali;

Fl-isfera tat-tutela primarja ta’ l-impjegat, ghal-liema l-ligi industrijali hi mahsuba, fejn jinstab li dak il-motiv ta’ *redundancy* ma jikkorrispondix ghar-realta, il-konsegwenza ma setghetx hlief tkun dik sancita fl-Artikolu 81 (2) ta’ l-Att.

Ghal motivi kollha predetti l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez tal-prezenti istanza kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------